MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2095/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**vs**

**Monica Schembri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm649.89c (sitt mija u disgha u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta’ l-ilma u kera ta’ meter ta’ l-ilma, li jammonta ghal Lm87.93c (sebgha u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) u ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera ta’ meter ta’ l-elettriku, li jammonta ghal Lm561.69c (hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu), fil-fond ghall-perjodu bejn is-16 ta’ Marzu, 1998 sal-14 ta’ Dicembru, 2000 skond il-kont numru 76718549(0) u d-dokument anness ma’ l-Avviz (WSC 1).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50c (hdax il-lira Maltin u hamsin centezmu) spejjez ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju, 2002 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota t'ammissjoni prezentata sedute stante li permezz taghha l-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici.

It-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez u bl-interessi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**